**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 31/14VG**

**Ronald Apap**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**Illum 20 ta' Mejju 2019**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ippreżentat minn Ronald Apap fis-26 ta' Marzu 2014 permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal iħassar u jirrevoka d-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 7 ta' Marzu 2014 li biha ġiet miċħuda t-talba tiegħu għall-ħruġ ta' Liċenza ta' Gwardjan Privat u minflok jilqa' t-talba tiegħu għall-ħruġ f'ismu ta' Liċenza ta' Gwardjan Privat, bl-ispejjeż kontra l-Kummissarju tal-Pulizija;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. "A" sa' Dok. "C" a fol.5 sa' 12 tal-proċess;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija permezz ta' liema jopponi għall-appell tar-Rikorrent mid-deċiżjoni datata 7 ta' Marzu 2014 u jitlob li l-istess jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontra r-Rikorrent, u minflok l-imsemmija deċiżjoni tiġi kkonfermata stante li: (i) in linea preliminari t-Tribunal ma huwiex kompetenti biex jittratta u jiddetermina t-talba tar-Rikorrent in kwantu dan qed jallega li d-deċiżjoni ma ingħatatx fiż-żmien stipulat u allura għandu jitqies li kien hemm aċċettazzjoni ta' l-applikazzjoni, liema kwistjoni se mai hija di kompetenza tal-Qorti komposta taħt Liġi differenti u mhux quddiem dan it-Tribunal; (ii) fil-meritu u bla preġudizzju għall-eċċezzjoni preliminari, it-talba tar-Rikorrent hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li ma jagħtix il-Liċenza ta' Gwardjan Privat lir-Rikorrent; (iii) il-kompitu ta' dan it-Tribunal huwa li jara jekk id-deċiżjoni mogħtija fil-konfront tar-Rikorrent kienitx waħda ġusta jew le u mhux jekk ingħatatx fil-ħin. Apparte l-fatt li r-Rikorrent mhux persuna idoneja sabiex

tingħatalu Liċenza ta' Gwardjan Privat, il-Kap.389 tal-Liġijiet ta' Malta ma jipprovdix li jekk jiskadi t-terminu fih stipulat għall-għoti ta' deċiżjoni, allura d-deċiżjoni qual' volta mogħtija wara tali terminu hija nulla u lanqas ma jirriżulta li n-nuqqas ta' għoti ta' deċiżjoni entro t-terminu stipulat tammonta għal aċċettazzjoni ta' l-applikazzjoni, anzi, kif jirriżulta anke minn Liġijiet oħra, in-nuqqas ta' deċiżjoni entro t-terminu stipulat fil-Liġi għandha titqies bħala rifjut ta' l-applikazzjoni; (iv) għalkemm fid-deċiżjoni datata 7 ta' Marzu 2014 ġie indikat l-Artikolu 10(b) mingħajr referenza ghall-Kapitolu tal-Liġi, mill-istess deċiżjoni jirriżulta li r-rifjut huwa bbażat fuq il-provvedimenti tal-Kap.389 tal-Liġijiet ta' Malta; (v) kuntrarjament għal dak affermat mir-Rikorrent, huwa jaf ben tajjeb li għandu sentenzi reċenti li bosta minnhom juru x'karattru għandu u li għalhekk mhux fl-interess pubbliku li tingħata Liċenza ta' Gwardjan Privat lil persuna b'dan it-tip ta' karattru. Gwardjan Privat irid ikollu karattru affidabbli u responsabbli biex ikun kapaċi jagħmel dan it-tip ta' xogħol u b'hekk kull referenza għal setturi oħra ma tistgħax tgħodd għal dan il-każ għaliex Liċenza ta' Gwardjan Privat tirrikjedi ferm iktar responsabilità minn setturi oħra. Apparte minn hekk ma hemm xejn fil-Kap.389 tal-Liġijiet ta' Malta li twaqqaf lill-Kummissarju tal-Pulizija milli jieħu in konsiderazzjoni wkoll reati li huma inqas riċenti, iktar u iktar meta' r-Rikorrent baqa' jikkometti reati b'mod konsistenti u sa' żmien reċenti; (vi) fid-determinazzjoni tal-ħrug ta' Liċenza ta' Gwardjan Privat il-Kummissarju tal-Pulizija jikkunsidra l-fedina penali ta' l-applikant u mhux iċ-Ċertifikat tal-Kondotta tiegħu għar-raġuni li ċerti reati li tagħhom fiż-żmien ikun instab ħati l-applikant wara ċertu żmien ma jibqgħux jidhru fiċ-Ċertifikat tal-Kondotta tiegħu u għalhekk kieku ma jiġux ikkunsidrati. Ir-reati jibqgħu jidhru fuq il-fedina penali u b'hekk ma jkunux jistgħu jiġu injorati. L-intenzjoni tal-Leġislatur kjarament kienet illi min jikkommetti ċerta tip ta' reati ma jikkwalifikax għall-ħruġ ta' Liċenza ta' Gwardjan Privat; (vii) kuntrarjament għal dak pretiż mir-Rikorrent, reat li jinvolvi ferita ħafifa, fost reati oħra kommessi, ma jistax jitqies li ma jippreġudikax l-interess pubbliku, iktar u iktar meta dan ma huwiex l-uniku reat li tiegħu nstab ħati r-Rikorrent, fejn instab ħati anke ta' reati li jinvolvu tħeddid ta' anzjani, ta' uffiċjali pubbliċi w anke reati fejn ma obdiex l-ordnijiet mogħtija minn uffiċjali pubbliċi, fosthom ordnijiet mogħtija minn membri tal-Korp tal-Pulizija;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrent mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Novembru 2014[1] u ra l-affidavit ta' l-Ispettur Silvana Zrinzo Azzopardi u d-dokumenti annessi miegħu markati Dok. "A" sa' Dok. "SZA16" esebiti mill-Kummissarju tal-Pulizija permezz ta' Nota ppreżentata fl-4 ta' Marzu 2015 a fol. 45 sa' 112 tal-proċess u ra d-dokument esebit mir-Rikorrent permezz ta' Nota ppreżentata fid-19 ta' Jannar 2016 a fol. 129 u 130 tal-proċess;

Ra s-sentenza pronunċjata minn dan it-Tribunal fl-14 ta' April 2016[2] permezz ta' liema ddikjara li d-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 7 ta' Marzu 2014 fir-rigward tat-talba tar-Rikorrent għall-ħruġ ta' Liċenza ta' Gwardjan Privat f'ismu hija nulla w invalida fil-Liġi in kwantu ġiet mogħtija oltre t-terminu ta' erba'

---

[1] Fol. 42 u 43 tal-proċess.
[2] Fol. 135 sa' 139 tal-proċess.

ġimgħat prefiss fl-Artikolu 9 tal-Kap.389 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement astjena milli jieħu konjizzjoni ulterjuri ta' l-appell tar-Rikorrent;

Ra s-sentenza pronunċjata mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-5 ta' Ottubru 2018 permezz ta' liema dik il-Qorti ħassret is-sentenza pronunċjata mit-Tribunal fl-14 ta' April 2016 u għaddiet biex tilqa' t-tielet eċċezzjoni sollevata mill-Kummissarju tal-Pulizia biex sa' fejn din tirreferi għat-terminu li jissemma fl-Artikolu 9 tal-Kap.389 tal-Liġijiet ta' Malta, caħdet it-talba tar-Rikorrent sabiex tingħata Liċenza ta' Gwardjan Privat għar-raġuni li l-Kummissarju tal-Pulizija ta deċiżjoni wara li skada t-terminu kontemplat fl-Artikolu 9 tal-Kap.389 tal-Liġijiet ta' Malta, iddikjarat l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-Kummissarju tal-Pulizija eżawrita u bagħtet l-atti lura quddiem dan it-Tribunal sabiex jiddeċiedi dwar it-tieni u t-tielet raġuni li jissemmew fir-Rikors promotur għalfejn ir-Rikorrent jippretendi li għandu jingħata Liċenza ta' Gwardjan Privat;

Ra li b'Digriet mogħti fid-19 ta' Ottubru 2018 ir-Rikors ġie appuntat għas-smigħ;

Mill-ġdid sema' t-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ra l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidra:**

Bil-proċeduri odjerni r-Rikorrent jikkontesta deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija komunikata lilu b'ittra datata 7 ta' Marzu 2014[3], permezz ta' liema ġiet miċħuda l-applikazzjoni tiegħu għall-hruġ ta' Liċenza ta' Gwardjan Privat. Bl-imsemmija ittra ir-Rikorrent ġie infurmat illi: *b'referenza għall-applikazzjoni tiegħek għal Liċenża ta' Gwardjan Privat, jiddispjaċini ninfurmak illi l-applikazzjoni tiegħek qiegħda tiġi rifjutata ai termini ta' l-Artikolu 10(b) fl-interess pubbliku, minħabba diversi sentenzi fil-konfront tiegħek. Ninfurmak ukoll illi jekk inti jidhirlek li għandha tinħareġ liċenza f'ismek, inti tista' tappella minn din id-deċiżjoni billi fi żmien xahar kalendarju minn meta tirċievi dan l-avviż tippreżenta rikors quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u dan skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 11(3) tal-Kap.389 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Ir-Rikorrent ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija (iktar 'l quddiem f'din is-sentenza indikata bħala d-Deċiżjoni) u interpona dan l-appell minnha fejn jitlob li t-Tribunal iħassar u jirrevoka l-imsemmija Deċiżjoni u minflok jilqa' t-talba tiegħu għall-ħruġ ta' Liċenza ta' Gwardjan Privat f'ismu. Huwa jibbaża dan l-appell fuq is-segwenti aggravji: (a) il-Kummissarju tal-Pulizija ma segwiex il-proċedura u ma onorax it-termini previsti fl-Artikoli 8 u 9 tal-Kap.389 tal-Liġijiet ta' Malta stante li d-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tiegħu għall-ħruġ ta' Liċenza ta' Gwardjan Privat ingħatat ferm wara t-terminu ta' xahar stipulat fil-Liġi w in-nuqqas tal-Kummissarju tal-Pulizija li jagħti deċiżjoni entro

[3] Dok. "B" a fol. 10 tal-proċess.

t-terminu stipulat fil-Liġi għandu jitqies bħala aċċettazzjoni tat-talba għall-ħruġ ta' Liċneza ta' Gwardjan Privat, għaliex kwalunkwe raġunament mod ieħor jekwivali għal aċċettazzjoni li t-termini imposti bil-Liġi sabiex ikun hemm amministrazzjoni kif imiss, jistgħu jiġu skartati b'mod mill-aktar abbundanti u ma jkunu jiswew xejn; (b) ir-raġuni għar-rifjut kif mogħtija fl-ittra datata 7 ta' Marzu 2014 ma għandha l-ebda bażi legali għaliex ġie ċitat biss l-Artikolu 10(b) mingħajr ma ġie bl-ebda mod indikat għal liema att jappartjeni dan l-istess artikolu; (ċ) għalkemm l-applikazzjoni tiegħu għall-ħruġ ta' Liċenza ta' Gwardjan Privat ġiet miċħuda fl-interess pubbliku minħabba diversi sentenzi fil-konfront tiegħu, bosta minn dawn is-sentenzi jmorru lura s-snin u wieħed ma jistax jiġi kkundannat għal għomru milli jikseb xi forma ta' liċenzja minħabba li xi darba f'ħajtu, għadda kemm għadda żmien, ikkommetta reat. F'setturi oħra, bħala ma huwa ad eżempju s-settur tal-liċenzji tat-trasport, dan il-prinċipju ngħata s-saħħa ta' Liġi u ġew prefissi termini appożiti li jekk ikunu laħqu ddekorrew applikant ma jkunx jista' jibqa' ppreġudikat minħabba sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti Kriminali. Apparte minn hekk ir-rekwiżit ta' l-interess pubbliku huwa interess vag, soġġettiv u altament diskrezzjonali. Għalkemm huwa veru li kellu reat li kien jinvolvi ferita ħafifa, huwa ma jemminx li dan huwa reat tali li għandu jippreġudika l-interess pubbliku. Min-naħa l-oħra r-reati l-oħra imsemmija fil-fedina penali tiegħu jmorru lura aktar minn għaxar snin.

Il-Kummissarju tal-Pulizija jopponi għall-appell tar-Rikorrent mid-Deċiżjoni u jitlob li l-istess jiġi miċħud u minflok l-imsemmija Deċiżjoni tiġi kkonfermata stante li: (i) in linea preliminari t-Tribunal ma huwiex kompetenti biex jittratta u jiddetermina t-talba tar-Rikorrent in kwantu dan qed jallega li d-Deċiżjoni ma ingħatatx fiż-żmien stipulat u allura għandu jitqies li kien hemm aċċettazzjoni ta' l-applikazzjoni, liema kwistjoni se mai hija di kompetenza tal-Qorti komposta taħt Liġi differenti u mhux quddiem dan it-Tribunal; (ii) fil-meritu u bla preġudizzju għall-eċċezzjoni preliminari, it-talba tar-Rikorrent hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija li ma jagħtix il-Liċenza ta' Gwardjan Privat lir-Rikorrent; (iii) il-kompitu ta' dan it-Tribunal huwa li jara jekk id-Deċiżjoni mogħtija fil-konfront tar-Rikorrent kienitx waħda ġusta jew le u mhux jekk ingħatatx fil-ħin. Apparte l-fatt li r-Rikorrent mhux persuna idoneja sabiex tingħatalu Liċenza ta' Gwardjan Privat, il-Kap.389 tal-Liġijiet ta' Malta ma jipprovdix li jekk jiskadi t-terminu fih stipulat għall-għoti ta' deċiżjoni, allura d-deċiżjoni qual' volta mogħtija wara tali terminu hija nulla u lanqas ma jirriżulta li n-nuqqas ta' għoti ta' deċiżjoni entro t-terminu stipulat tammonta għal aċċettazzjoni ta' l-applikazzjoni, anzi, kif jirriżulta anke minn Liġijiet oħra, in-nuqqas ta' deċiżjoni entro t-terminu stipulat fil-Liġi għandha titqies bħala rifjut ta' l-applikazzjoni; (iv) għalkemm fid-Deċiżjoni ġie indikat l-Artikolu 10(b) mingħajr referenza ghall-Kapitolu tal-Liġi, mill-istess Deċiżjoni jirriżulta li r-rifjut huwa bbażat fuq il-provvedimenti tal-Kap.389 tal-Liġijiet ta' Malta; (v) kuntrarjament għal dak affermat mir-Rikorrent, huwa jaf ben tajjeb li għandu sentenzi reċenti li bosta minnhom juru x'karattru għandu u li għalhekk mhux fl-interess pubbliku li tingħata Liċenza ta' Gwardjan Privat lil persuna b'dan it-tip ta' karattru. Gwardjan Privat irid ikollu karattru affidabbli u responsabbli biex

ikun kapaċi jagħmel dan it-tip ta' xogħol u b'hekk kull referenza għal setturi oħra ma tistgħax tgħodd għal dan il-każ għaliex Liċenza ta' Gwardjan Privat tirrikjedi ferm iktar responsabilità minn setturi oħra. Apparte minn hekk ma hemm xejn fil-Kap.389 tal-Liġijiet ta' Malta li twaqqaf lill-Kummissarju tal-Pulizija milli jieħu in konsiderazzjoni wkoll reati li huma inqas riċenti, iktar u iktar meta' r-Rikorrent baqa' jikkometti reati b'mod konsistenti u sa' żmien reċenti; (vi) fid-determinazzjoni tal-ħrug ta' Liċenza ta' Gwardjan Privat il-Kummissarju tal-Pulizija jikkunsidra l-fedina penali ta' l-applikant u mhux iċ-Ċertifikat tal-Kondotta tiegħu għar-raġuni li ċerti reati li tagħhom fiż-żmien ikun instab ħati l-applikant wara ċertu żmien ma jibqgħux jidhru fiċ-Ċertifikat tal-Kondotta tiegħu u għalhekk kieku ma jiġux ikkunsidrati. Ir-reati jibqgħu jidhru fuq il-fedina penali u b'hekk ma jkunux jistgħu jiġu injorati. L-intenzjoni tal-Leġislatur kjarament kienet illi min jikkommetti ċerta tip ta' reati ma jikkwalifikax għall-ħruġ ta' Liċenza ta' Gwardjan Privat; (vii) kuntrarjament għal dak pretiż mir-Rikorrent, reat li jinvolvi ferita ħafifa, fost reati oħra kommessi, ma jistax jitqies li ma jippreġudikax l-interess pubbliku, iktar u iktar meta dan ma huwiex l-uniku reat li tiegħu nstab ħati r-Rikorrent, fejn instab ħati anke ta' reati li jinvolvu tħeddid ta' anzjani, ta' uffiċjali pubbliċi w anke reati fejn ma obdiex l-ordnijiet mogħtija minn uffiċjali pubbliċi, fosthom ordnijiet mogħtija minn membri tal-Korp tal-Pulizija.

Bis-sentenza pronunċjata mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-5 ta' Ottubru 2018, in forza ta' liema *inter alia* ġiet imħassra s-sentenza mogħtija minn dan it-Tribunal fl-14 ta' April 2016, ġiet milqugħa t-tielet eċċezzjoni sollevata mill-Kummissarju tal-Pulizija u konsegwentement ġie miċħud l-ewwel aggravju fuq liema r-Rikorrent jibbaża l-appell tiegħu mid-Deċiżjoni u l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-Kummissarju tal-Pulizija ġiet dikjarata eżawrita. Isegwi għalhekk - u dan kif jirriżulta mill-istess imsemmija sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) - li t-Tribunal għandu issa jittratta u jiddetermina t-tieni u t-tielet aggravji fuq liema r-Rikorrent jibbaża l-appell tiegħu mid-Deċiżjoni, fid-dawl tar-rimanenti eċċezzjonijiet sollevati mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Fir-Rikors promotur ir-Rikorrent espona t-tieni aggravju ta' l-appell tiegħu bil-mod segwenti: *fit-tieni lok, u mingħajr preġudizzju għandu jingħad illi fl-ewwel paragrafu ta' l-ittra tas-7 ta' Marzu fuq imsemmija, ir-raġuni għar-rifjut m'għandha l-ebda bażi legali għax ġie ċitat biss l-Artikolu 10(b) mingħajr ma ġie bl-ebda mod indikat għal liema att jappartjeni dan l-istess artikolu*[4]. Waqt it-trattazzjoni orali r-Rikorrent issottometta li n-nuqqas ta' indikazzjoni tal-Liġi in bażi għal liema l-applikazzjoni tiegħu għall-ħruġ ta' Liċenza ta' Gwardjan Privat ġiet rifjutata jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-prinċipju ta' l-*equality of arms*. Issottometta li biex tali prinċipju effettivament jiġi salvagwardat, ir-raġunijiet mogħtija fid-Deċiżjoni għandhom ikunu *intelligible, adequate* u *that they leave no doubt*. In sostenn ta' dak minnu sottomess ir-Rikorrent irrefera għas-sentenza fl-ismijiet **South Buckinghamshire District Council and Another v. Porter**, deċiża mill-House of Lords fl-2004 u għas-sentenza fl-ismijiet **Eugene**

[4] Fol. 2 tal-proċess.

**Cardona v. Trasport Malta ġia l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, Appell Nru. 18/10** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-18 ta' Ġunju 2010.

Fid-deċiżjoni **South Buckinghamshire District Council and Another v. Porter** ingħad illi: *the reasons for a decision must be intelligible and they must be adequate. They must enable the reader to understand why the matter was decided as it was and what conclusions were reached on the 'principal important controversial issues', disclosing how any issue of law or fact was resolved. Reasons can be briefly stated, the degree of particularity required depending entirely on the nature of the issues falling for decision. The reasoning must not give rise to a substantial doubt as to whether the decision-maker erred in law, for example by misunderstanding some relevant policy or some other important matter or by failing to reach a rational decision on relevant grounds. But such adverse inference will not readily be drawn. The reasons need refer only to the main issues in the dispute, not to every material consideration. They should enable disappointed developers to assess their prospects of obtaining some alternative development permission, or, as the case may be, their unsuccessful opponents to understand how the policy or approach underlying the grant of permission may impact upon future such applications. Decision letters must be read in a straightforward manner, recognising that they are addressed to parties well aware of the issues involved and the arguments advanced. A reasons challenge will only succeed if the party aggrieved can satisfy the court that he has genuinely been substantially prejudiced by the failure to provide an adequately reasoned decision'.*

Fis-sentenza **Eugene Cardona v. Trasport Malta ġia l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta**, il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) għamlet is-segwenti osservazzjonijiet: *tradizzjonalment, almenu skond ċerti prinċipji dottrinali ġenerali r-regola ta' ġustizzja naturali ta' smigħ xieraq timporta d-dover li tingħata lill-partijiet fil-kontestazzjoni l-opportunità raġjonevoli li jressqu l-provi li jkunu jixtiequ jipproduċu u li jingħataw il-possibilità li jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom. Maż-żmien, oltre dawn affermati, żdiedu progressivament aspetti oħra tat-tematika. Fundamentalment, il-prinċipju ġie jassorbi wkoll illi fis-sentenzi jiġu provduti wkoll lill-partijiet "ir-raġuni għaliex l-appell (f'dan il-każ lil tribunal kważi ġudizzjarju) ikun qed jiġi milqugħ jew miċħud (ara Cauchi Ltd. v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, Appell, 6 ta' Ottubru 2000). "Dan mhux biss biex tigi assikurata t-trasparenza tal-ġudizzju imma wkoll biex tkun tista' tiġi verifikata l-ġustizzja tal-ġudikat" (ara Kruger Limited v. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud", Appell, 13 ta' Lulju 2001). Ġie difatti minn din il-Qorti osservat illi "taħt l-inkalzar tal-ġurisprudenza evoluta mill-organi ġudizzjarji Ewropeji in materja jinsorġi l-prinċipju li tali motivazzjoni mhux biss trid tirriżulta mis-sentenza iżda wkoll li din tkun adewgata. Motivazzjoni li kellha tkun tali li fil-minimu tissodisfa fuq kollox il-partijiet in kawża fuq il-korrettezza fattwali u ġuridika tar-raġunijiet li wasslu għad-deċiżjoni. Hu fid-dawl ta' dan il-prinċipju aċċennat li ġie ritenut li l-motivazzjoni, waqt li f'kull każ kellha tkun adegwata, pertinenti u relatata mal-*

*kwistjonijiet ta' fatt u ta' dritt sottomessi lill-Qorti mill-partijiet in kawża, kienet ċertament id-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-ewwel grad li kellha tkun l-aktar eżawrjenti proprju għaliex hi l-motivazzjoni tagħha li kellha tipprovdi l-bazi ta' l-aggravju ta' l-eventwali appell mogħti lil tribunal ta' reviżjoni". Ara "Charmaine Camilleri v. Eugenio Abdilla et, Appell Inferjuri, 12 ta' Jannar 2005 u "Joseph Saliba v. Imperial Hotel" Appell Inferjuri, 11 ta' Diċembru 2009 b'abbraċċ ta' l-insenjament fid-deċiżjoni Kostituzzjonali in re: "Gordon Agius v. Avukat Ġenerali" 20 ta' Diċembru 2000. Minn dan isegwi li in linea ta' massima illi ma jistax ikun hemm dubju illi, ġjaladarba hi l-parti konsiderativa tas-sentenza illi tikkjarixxi u tispjega l-import tad-disposittiv, il-motivazzjoni kienet ta' essenza anke għaliex tirrappreżenta dik id-dikjarazzjoni formali li permezz tagħha l-ġudikant jattesta illi effettivament jissussitu elementi idoneji, ta' fatt u ta' dritt, biex jiġġustifikaw il-konvinċiment tiegħu. Meta tali dikjarazzjoni tkun mankanti mid-deċiżjoni, il-kaduċità tagħha ma tistax tiġi leġittimament evitata.*

Filwaqt li t-Tribunal fermament jaqbel ma' u jabbraċċja l-osservazzjonijiet magħmula fiż-żewġ sentenzi hawn appena ċitati, ma jqisx li fil-każ in eżami tissussisti sitwazzjoni tali li l-prinċipju ta' l-*equality of arms* a favur ir-Rikorrent ġie b'xi mod imxellef għaliex id-Deċiżjoni ma hijiex ben jew suffiċjentement motivata.

Għalkemm huwa minnu li fid-Deċiżjoni l-Kummissarju tal-Pulizija jagħmel biss referenza għall-Artikolu 10(b) mingħajr ma jgħid għal liema Att tal-Liġijiet ta' Malta qed jirreferi, b'daqshekk ma jfirrisx li l-istess Deċiżjoni ma hijiex motivata u ma hemmx indikata r-raġuni a bażi ta' liema l-applikazzjoni tar-Rikorrent għall-ħruġ ta' Liċenza ta' Gwardjan Privat ġiet miċħuda. Di fatti fid-Deċiżjoni l-Kummissarju kjarament jgħid li l-applikazzjoni tar-Rikorrent għall-ħruġ f'ismu ta' Liċenza ta' Gwardjan Privat ġiet miċħuda ***fl-interess pubbliku minħabba diversi sentenzi fil-konfront tiegħek***[5]. Hija din l-affermazzjoni u mhux tant l-indikazzjoni tal-Liġi li minnha joħroġ l-Artikolu 10(b) li tikkostitwixxi l-vera e propria raġuni għalfejn it-talba tar-Rikorrent ġiet miċħuda. Hija din l-affermazzjoni li tqiegħed lir-Rikorrent f'posizzjoni li jkun jaf għalfejn u għaliex it-talba tiegħu għall-ħruġ f'ismu ta' Liċenza ta' Gwardjan Privat ġiet miċħuda u b'hekk f'posizzjoni ukoll li jappella mid-Deċiżjoni hekk meħuda fil-konfront tiegħu, kif fil-fatt għamel.

Din l-osservazzjoni tat-Tribunal issib konferma f'numru konsiderevoli ta' sentenzi pronunċjati minn dan it-Tribunal, kemm kif presjedut kif ukoll kif diversament presjedut, fiż-żmien meta fid-deċiżjonijiet tiegħu l-Kummissarju tal-Pulizija kien jindika **biss** l-Artikolu tal-Liġi u l-Ligi nnifisha in bażi għal liema talba in eżami tkun ġiet miċħuda. In effetti fis-sentenza fl-ismijiet **David Vincenti v. Kummissarju tal-Pulizija**, **Rik. Nru. 275/11** deċiża fl-4 ta' April 2013, fejn fid-deċiżjoni kontestata il-Kummissarju tal-Pulizija kien indika biss l-Artikolu u l-Liġi bħala raġuni għar-rifjut tat-talba, ġie osservat illi *ai termini ta' l-Artikolu 11(1) tal-Kap.389 tal-Liġijiet ta' Malta jekk il-Kummissarju jirrifjuta li joħroġ liċenza*

[5] Enfasi tat-Tribunal. Fol. 10 tal-proċess.

*lill-applikant biex jaħdem bħala aġenzija ta' gwardjani privati jew bħala gwardjan privat, dan għandu minnufih jikkomunika bil-miktub dik id-deċiżjoni lill-applikent fejn jagħtih ir-raġuni għal dak ir-rifjut: Iżda f'każ ta' rifjut taħt l-Artikolu 10(b), ikun biżżejjed li jiddikjara li l-liċenza tkun ġiet rifjutata fl-interess pubbliku. Minn dan il-provvediment tal-Liġi joħroġ ċar li f'kaz ta' rifjut ta' talba għall-ħruġ jew tiġdid ta' liċenza ta' Gwardjan Privat il-Kummissarju tal-Pulizija għandu jagħti indikazzjoni ċara tar-raġuni in bażi għal liema t-talba relattiva tkun qed tiġi miċħuda. Dan ifisser għalhekk ... illi s-sempliċi indikazzjoni ġeneriku ta' l-Artikolu tal-Liġi fuq liema l-Kummissarju tal-Pulizija jkun qed jibbaża r-rifjut tiegħu, anke fejn si tratta ta' rifjut fl-interess pubbliku, ma tissodisfax għal kollox dak provdut fil-Liġi. Għalkemm is-sempliċi indikazzjoni ġenerika ta' l-Artikolu tal-Liġi fuq liema l-Kummissarju tal-Pulizija jkun ibbaża r-rifjut tiegħu ma twassalx għan-nullità tad-deċiżjoni, huwa rakkomandabbli illi fil-futur il-Kummissarju tal-Pulizija ma jillimitax ruħu li jikkwota biss l-Artikolu tal-Liġi fuq liema jkun qed jibbaża tali rifjut. B'hekk fejn iċ-ċaħda tkun ibbażata fuq l-Artikolu 10(a) tal-Kap.389 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Kummissarju tal-Pulizija għandu jindika liema waħda jew iktar mis-sitt ċirkostanzi tkun qed tiġi applikata fil-konfront ta' l-applikant u fejn iċ-ċaħda tkun ibbażata fuq l-Artikolu 10(b) tal-Kap.389 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid b'mod ċar li t-talba tkun qed tiġi rifjutata fl-interess pubbliku.*

Apparte minn dan kollu osservat, ladarba l-applikazzjoni tar-Rikorrent kienet għall-ħruġ f'ismu ta' Liċenza ta' Gwardjan Privat u tali settur huwa regolat b'Att tal-Liġi *ad hoc*, ossia l-Att dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità, Kap.389 tal-Liġijiet ta' Malta, li appuntu huwa Att li ġie promulgat *biex jipprovdi li jkunu liċenzjati, regolati u kontrollati persuni li jħaddmu, jaħdmu fi jew impjegati ma' servizzi ta' gwardjani privati u ma' servizzi ta' uffiċjali tal-komunità u biex jipprovdi għal ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu magħhom jew anċillari għalihom*[6], huwa bilwisq evidenti - u dan kellu jkun hekk evidenti għar-Rikorrent *qua* l-applikant - li l-Artikolu 10(b) li għalih issir referenza fid-Deċiżjoni huwa l-Artikolu 10(b) tal-Kap.389 tal-Liġijiet ta' Malta li appuntu jipprovdi li *l-Kummissarju għandu jirrifjuta applikazzjoni f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin: ... (b) meta dan jikkunsidra li jkun fl-interess pubbliku li jirrifjuta dik il-liċenza.*

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk it-Tribunal iqis li t-tieni aggravju sollevat mir-Rikorrent in sostenn ta' l-appell tiegħu mid-Deċiżjoni ma huwiex ġustifikat u b'hekk ma jistħoqqx li jiġi milqugħ.

Trattat dan l-aggravju t-Tribunal ser jgħaddi biex jittratta t-tielet aggravju fuq liema ir-Rikorrent jibbaża l-appell tiegħu mid-Deċiżjoni u cioè li fil-mertu l-Kummissarju tal-Pulizija ma kienx ġustifikat f'li jiċħad l-applikazzjoni tiegħu għall-ħruġ f'ismu ta' Liċenza ta' Gwardjan Privat stante li s-sentenzi in bażi għal liema l-Kummissarju ibbaża d-Deċiżjoni tiegħu jmorru lura diversi snin u ma huwiex ġust li persuna li setgħet żbaljat fiż-żmien tibqa' tiġi kkundannata għal

[6] Kap.389 tal-Liġijiet ta' Malta.

għomorha kollu fuq il-bażi ta' kunċett hekk vag, soġġettiv u altament diskrezzjonali bħalma ma hu appuntu dak ta' l-interess pubbliku.

Dan il-kunċett ta' interess pubbliku fil-kuntest ta' ħruġ jew tiġdid ta' Liċenza ta' Gwardjan Privat jew ta' Liċenza ta' Aġenzija ta' Gwardjani Privati, ġie diversi drabi trattat minn dan it-Tribunal, kif diversament presjedut, fis-sentenzi mogħtija Minnu, fosthom ad eżempju fis-sentenza fl-ismijiet **Jonathan Cauchi v. Kummissarju tal-Pulizija, Rik. Nru. 29/17** deċiża fit-22 ta' Jannar 2018 u ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) b'sentenza pronunċjata fil-5 ta' Ottubru 2018. Fl-imsemmija sentenza ġie osservat illi: meta *l-Kummissarju intimat ikollu każ bħal dak odjern huwa bilfors irid jeżerċita d-diskrezzjoni tiegħu dwar kif se jżomm bilanċ bejn l-interess pubbliku u d-dritt li l-applikant jeżerċita l-professjoni ta' gwardjan privat. Illi fid-Dritt Amministrattiv huwa prinċipju assodat li 'a person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is minded to do so - he must in the exercise of his discretion do not what he likes but what he ought. In other words, he must, by the use of his reason, ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably. Fis-sentenza Associated Provincial Picture Houses Ltd. v. Wednesbury Corporation (ġ1948ħ 1 KB 223 at 229) Lord Greene MR osserva li: It is true that discretion must be exercised reasonably. Now what does that mean? Lawyers familiar with the phraseology used in relation to exercise of statutory discretions often use the word "unreasonable" in a rather comprehensive sense. It has frequently been used and is frequently used as a general description of things that must not be done. For instance, a person entrusted with a discretion must, so to speak, direct himself properly at law. He must call his own attention to the matters which he is bound to consider. He must exclude from his consideration matters which are irrelevant to what he has to consider. If he does not obey those rules, he may truly be said and often is said to be acting 'unreasonably' . Similarly, there may be something so absurd that no sensible person could ever dream that it lay within the powers of the authority. Warrington LJ in Short v. Poole Corporation gave the example of the red haired teacher, dismissed because she had red hair. This is unreasonable in one sense. In another it is taking into consideration extraneous matters. It is so unreasonable that it might almost be described as being done in bad faith; and, in fact, all these things run into one another". Illi minħabba n-natura tas-servizzi li jistgħu jiġu prestati minn Gwardjan Privat* (Artikolu 2 tal-Kap.389 tal-Liġijiet ta' Malta definizzjoni ta' servizzi ta' gwardjan privat) *huwa loġiku u leġittimu li fl-għoti u t-tiġdid ta' tali liċenzji jiġi kkunsidrat l-aspett ta' l-interess pubbliku u li deċiżjoni mogħtija fil-kamp kriminali fir-rigward ta' applikant timpinġi fuq tali konsiderazzjoni u hu neċessarju li jkun hemm evalwazzjoni appożita jekk l-applikant hux persuna idonea o meno għal tali posizzjoni mill-awtorità regolatriċi konċernata, f'dan il-każ il-Kummissarju tal-Pulizija.*

Mill-affidavit ta' l-Ispettur Silvana Zrinzo Azzopardi jirriżulta li fil-każ in eżami l-Kummissarju tal-Pulizija wasal għad-deċiżjoni li ma huwiex fl-interess pubbliku li tinħareġ Liċenza ta' Gwardjan Privat f'isem ir-Rikorrent a bażi ta' dak li jirriżulta

mill-fedina penali ta' l-istess Rikorrent esebita a fol. 52 sa' 62 tal-proċess. Kuntrarjament għal dak pretiż mir-Rikorrent, li jsostni li skond iċ-Ċertifikat ta' Kondotta tiegħu[7] *he is a person of good conduct*, mill-fedina penali tiegħu - li tagħti stampa ferm iktar ċara u komprensiva tal-karattru w attitudini tar-Rikorrent, jirriżulta b'mod ċar li huwa jsibha ferm diffiċli li jobdi u josserva l-Liġijiet kif ukoll li jobdi u josserva l-ordnijiet ta' persuni f'awtorità bħalma huma ad eżempju uffiċjali tal-Pulizija jew uffiċjali ta' Awtorità Pubblika. Fir-rigward tul is-snin kellu diversi kundanni dwar sewqan bla liċenza u/jew sewqan traskurat kif ukoll diversi kundanni dwar theddid lill-uffiċjali pubbliċi u nuqqas ta' osservanza ta' ordnijiet leġittimi mogħtija minnhom. Jirriżulta wkoll li r-Rikorrent jsibha diffiċli jikkontrolla lilu nnifsu u l-atteġġjament tiegħu versu terzi persuni tant illi b'mod konsistenti tul is-snin kellu diversi kundanni dwar theddid, grieħi u hsara lil proprjetà.

Fil-fehma tat-Tribunal fid-dawl ta' dak li jirriżulta mill-fedina penali tar-Rikorrent u fid-dawl tad-dmirijiet li għandu jaqdi Gwardjan Privat u taċ-ċirkostanzi żvarjati - inklużi ċirkostanzi ta' ċerta tensjoni - li Gwardjan Privat jista' jiffaċċja u jsib ruħu fihom f'xogħlu, il-Kummissarju tal-Pulizija kien ġustifikat f'li jiddeċiedi li ma huwiex fl-interess pubbliku li tinħareġ Liċenza ta' Gwardjan Privat f'isem ir-Rikorrent. Għalkemm ir-Rikorrent jsostni li r-reati li tagħhom ġie misjub ħati u konsegwentement issentenzjat għalihom, anke fejn hemm feriti ta' natura ħafifa, ma humiex tali li jippreġudikaw l-interess pubbliku, tant illi qatt ma ngħata sentenza ta' ħabs effettiv, it-Tribunal iqis li din hija evalwazzjoni sempliċistika iżżejjed ta' x'jinvolvi x-xogħol ta' Gwardjan Privat. In effetti r-reati li tagħhom ir-Rikorrent ripetutament instab ħati matul is-snin juru biċ-ċar li huwa għandu disripett lejn il-Liġi w anke lejn uffiċjali pubbliċi u saħansitra lejn ċittadini privati, karatteristika din li tikkuntrasta ferm mal-figura ta' Gwardjan Privat.

Fir-rigward ta' din l-aħħar osservazzjoni tat-Tribunal issir referenza għal dak li ingħad fil-preċitata sentenza **Cauchi v. Kummissarju tal-Pulizija**, u cioè li *gwardjan privat irid, fost affarijiet oħra, ikun ta' eżempju għaċ-ċittadin f'dak li għandu x'jaqsam tħaris tal-liġijiet u żamma ta' l-ordni. Ċertament dak li wettaq ir-rikorrent ma jurix dan ir-rispett. Għalkemm dan it-Tribunal jaqbel u jemmen illi bniedem li jkun żbalja għandu jingħata ċans jirriforma ruħu, inkluż fejn jidħlu opportunitajiet ta' xogħol, wieħed irid joqgħod attent li ċ-ċittadin jibqa' jkollu fiduċja fil-gwardjani privati u lokali. Illi fl-isfond ta' dan kollu, dan it-Tribunal jifhem li l-Kummissarju intimat uża d-diskrezzjoni tiegħu b'mod ġust meta kien ta' l-opinjoni li mhux fl-interess pubbliku li r-rikorrent jitħalla jeżerċita l-mestjier in kwistjoni. Il-mestjier in kwistjoni jirrikjedi, f'ċerti każijiet, kontroll ta' sitwazzjonijiet fejn ir-reazzjoni tal-gwardjan privat tista' ssalva jew tgħarraq tali sitwazzjoni. Il-fedina penali ta' l-imputat turi xort' oħra.* Issir referenza wkoll għal dak osservat minn dan it-Tribunal, diversament presjedut, fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Difesa v. Kummissarju tal-Pulizija, Rik. Nru. 47/14** deċiża fil-15 ta' Diċembru 2015. Fl-imsemmija sentenza t-Tribunal osserva li l-gwardjan privat irid ikun persuna ta' karattru affidabbli biżżejjed biex

[7] Dok. 1 a fol. 130 tal-proċess.

jeżerċita r-responsabilitajiet li gwardjan għandu vis-à-vis is-soċjetà, in ġenerali, fosthom li jkun ta' eżempju biex iċ-ċittadini jobdu r-regoli u liġijiet biex soċjetà tiffunzjona b'rispett wieħed lejn l-ieħor u lejn l-Awtortaijiet: *meta ċittadin iħares lejn gwardjan privat jew lokali jrid jara fih eżepmju ta' rispett lejn il-Liġi u mhux li hu stess ikun ripetutament kiser l-istess Liġi* - eżempju dan li fil-fehma tat-Tribunal ir-Rikorrent fil-każ in eżami ma huwiex affattu idoneju biex jagħti.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat jirriżulta għalhekk li anke t-tielet aggravju fuq liema ir-Rikorrent jibbaża l-appell tiegħu mid-Deċiżjoni ma huwiex ġustifikat u b'hekk ma jistħoqqx li jiġi milqugħ.

Għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad l-appell tar-Rikorrent mid-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija notifikata lilu b'ittra datata 7 ta' Marzu 2014 u li biha ġiet miċħuda l-applikazzjoni tiegħu għall-ħruġ f'ismu ta' Liċenza ta' Gwardjan Privat, u minflok jikkonferma l-istess imsemmija deċiżjoni.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati interament mir-Rikorrent.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠSITRATUR**